MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1418/1998/1

**Spira Zerafa**

**vs**

**Frans Zerafa**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu f'Malta fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u hamsin (1953) u wliedhom huma llum maggorenni.

Illi l-hajja konjugali saret impossibbli minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut, u minhabba li tkissret irrevokabbilment;

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali u dana skond Digriet moghti minn dik il-Qorti fis-sebgha (7) t'Awissu tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (Digriet Nru. 970/97);

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Zerafa minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;

2. M'ghandux l-imsemmi konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha dik ir-retta aleminetarja lilha dovuta skond il-Ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda skond l-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu ffissati minn din il-Qorti u jigi ordnat li l-manteniment hekk stabbilit jithallas lill-attrici direttament mill-pensjoni jew pensjonijiet percepiti mill-konvenut;

3. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili** (1984 ed.) *in toto* jew *in parte.*

4. M'ghandhiex tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici Spira Zerafa datat 6 ta' Novembru 1998 fejn talbet lill-Qorti tordna li l-manteniment *pendente lite* jibda jithallas lilha mill-pensjoni tal-konvenut b'riserva ghal kull jedd li titlob revizjoni tal-manteniment.

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 1999 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 14 ta' Lulju 1999 fejn talbet li l-konvenut jigi notifikat wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-1 t'Awissu 1999 fejn laqghat it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 t'Ottubru 1999 u tal-24 ta' Jannar 2000.

Rat ir-rikors tal-attrici Spira Zerafa tat-23 ta' Frar 2000 fejn talbet li n-notifika lill-konvenut issir permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn laqghat it-talba b'dan li jigi segwit dak indikat fl-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12**.

Rat il-verbali tas-16 ta' Marzu 2000; tal-15 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Audrey Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; tat-13 ta' Novembru 2000; tat-23 t'April 2001; tat-8 t'Ottubru 2001; tas-6 ta' Novembru 2001; tas-6 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti

kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tad-29 ta' Mejju 2002; tas-6 ta' Novembru 2002; tal-11 ta' Frar 2003 fejn Dr. Daniela Chetcuti ghall-konvenut kontumaci talbet li tipprezenta nota t'osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2003.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat il-konvenut baqa' ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-partijiet odjerni zzewgu fit- 8 ta' Settembru 1953, u kellhom sitt (6) itfal u b'kawza pprezentata fis-26 ta' Gunju 1998, l-attrici qed titlob is-separazzjoni personali minn zewgha, bit-talbiet kollha konsegwenzjali ghall-istess. Il-konvenut ghalkemm debitament notifkat fis-6 ta' Marzu 2000 kif jidher *a tergo* a fol. 20 tal-process baqa' kontumaci u ma ressaq ebda eccezzjonijiet f'din il-kawza.

Illi dwar responsabbilta' ta' din is-separazzjoni din il-Qorti rat ix-xhieda tal-attrici moghtija fit-28 ta' Settembru 2000 u 2 ta' Novembru 2000 quddiem l-Assistent Gudizzjarju minn fejn jirrizulta li l-konvenut kellu u jidher li ghad ghandu l-vizzju tax-xorb, u gieli kien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli sabiex jigi kkurat minn tali vizzju. Kawza tal-istess vizzju huwa kien vjolenti d-dar billi jkisser l-oggetti u l-ghamra li kien ikun hemm, ghalkemm skond l-attrici qatt ma refa' jdejh fuqha. Apparti minn dan jidher li l-konvenut ma kienx jaghti flus bizzejjed lill-attrici ghall-

manteniment taghha u tat-tfal, u sahansitra kien johdilha l-flus li kienet tircievi ghall-beneficcju tal-mard peress li kienet diabetika.

Illi jirrizulta li l-attrici kellha fis-sena 1997 titaq mid-dar konjugali peress li kien hemm xi argument fuq it-tifla taghhom u l-konvenut kien heddidha li kien ser jaghmel delitt, u fil-fatt kienet rikoverata fid-dar Merhba Bik, u maghha hadet biss l-affarijiet personali taghha, u halliet xi affarijiet tal-komunjoni d-dar, ghaliex l-oggetti l-ohra fl-istess dar kienu ta' bintha, u wkoll ghaliex l-affarijiet li kellhom bejniethom kien kissirhom l-konvenut, skond l-attrici, meta huwa jkun fis-sakra. Meta telqet mid-dar hija tghid li l-konvenut ta' Lm300, izda huwa kellu Lm8,000.

Illi xehdet wkoll **Josephine Zerafa** bint l-kontendenti u wkoll spjegat kif hija kienet kostretta titlaq mid-dar *stante* li missierha kien jaqbad isawwatha meta kien fis-sakra u ma riedx li hija tkellem lill-hutha, u marret ukoll tghix fir-refugju Merhba Bik u llum tghix ma' ommha Birzebbuga. Sostniet li missierha kien ikun spiss fis-sakra u esebiet prospett tal-oggetti li hija xtrat u baqghu fid-dar konjugali tal-kontendenti peress li ma hadithomx ghaliex kienet tibza' minn missierha.

Illi xehed ukoll **Joseph Salerno** rapprezentant tal-HSBC Bank (Malta) Limited li skond huwa qal li l-konvenut kellu zewg kontijiet, wiehed *savings* Numru 544192914 li nfetah fl-20 ta' Gunju 1997 u nghalaq fil-21 ta' Lulju 1997 fl-ammont ta' Lm4,000 (Dok. "JS1" – Dok. "JS2") u t-tieni kont li jgib in-numru 544227823 li nfetah fis-7 ta' Jannar 2000 fl-ammont ta' Lm3,000 u fis-6 ta' Jannar 2001, 3 ta' Jannar 2002, u 6 ta' Lulju 2002 kellu bilanc ta' Lm2,700 (Dok. "JS2", Dok. "JS3", Dok. "JS4", u Dok. "JS5").

Illi minhabba dak premess jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, minacci, ingurji gravi li l-konvenut kkometta fil-konfront ta' martu.

Illi dwar manteniment jirrizulta li b'Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 7 ta' Awissu 1997 l-konvenut gie

kkundannat ihallas lill-martu r-retta alimentari ta’ Lm15 fil-gimgha, li pero’ jidher li qatt ma thallset, u ghalhekk kienet saret it-talba sabiex l-istess ammont jitnaqqas mill-pensjoni tal-konvenut, liema talba ma gietx milqugha b’digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta’ Gunju 2001; din il-Qorti bir-rispett kollu ma taqbilx mal-istess decizjoni, pero’ apparti dan jirrizulta li peress li l-konvenut ma hallasx manteniment degretat lill-attrici sal-lum huwa llum ghandu jaghti lill-attrici l-ammont komplessiv ta’ Lm4,550 f’arretrati ta’ manteniment *pendente lite.*

Illi ironikament ma ngabet ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, lanqas bhala pensjoni f’din il-kawza, u ghalhekk ghalkemm il-Qorti tikkonferma d-dritt tal-attrici li tiehu manteniment minghand zewgha, minhabba nuqqas ta’ provi dwar l-introjtu tal-istess, din il-Qorti ma hijiex f’pozizzjoni li tillikwida l-istess ammont, b’dan pero’ li l-attrici jigi riservat favur taghha d-dritt li tipprocedi ghall-istess manteniment kontra zewgha fil-futur. Jidher li l-attrici ghalkemm kellha l-opportunita’ li tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fuq il-pretensjonijiet taghha anke f’dan il-kuntest u ghall-fini ta’ din il-kawza baqghet ma pprezentat xejn.

Illi it-tielet talba tal-attrici ghandha tigi milqugha bl-applikazzjoni tal-**artikoli 48, 50, u 51 tal-Kap 16,** u dan *in toto*, b’dan li d-data tal-firda ghal dak li jikkoncerna l-**artikolu 48 (1) (c)** tkun id-data ta’ din is-sentenza.

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti jirrizulta li din tikkonsisti f’depozitu bankarju numru 544227914 mal-HSBC Bank (Malta) plc li l-ahhar bilanc tieghu kien ta’ Lm2,700; jidher li l-istess konvenut kellu kont iehor numru 544192914 fl-ammont ta’ Lm4,000 li nfetah fl-20 ta’ Gunju 1997 u nghalaq minnu fil-21 ta’ Lulju 1997. Apparti dan kellhom flimkien *fridge*, *cooker*, u *television*, u in vista ta’ dan u dak fuq premess din il-Qorti tordna li l-istess *fridge*, *cooker*, u *television* flimkien mad-depozitu bankarju li ghadu ezistenti jigu assenjati lill-attrici b’dan li l-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attrici ghal darba wahda biss l-ammont ta’ Lm650.

Illi dan kollu qed jigi kkalkulat b'dan il-mod. Il-konvenut kellu depozitu bankarju ta' Lm4,000, li huwa rtira u zamm ghalih u ma dan jizdied d-depozitu bankarju l-iehor fl-ammont ta' Lm2,700, b'kollox ghalhekk ghall-ammont ta' Lm6,700, li meta jinqasam fin-nofs dan jammonta ghal Lm3,350 kull parti, u ghalhekk l-istess attrici ghandha zzomm ghaliha l-istess depozitu bankarju ta' Lm2,700, b'mod li tali kont jigi ntestat fuqha b'effett mid-data ta' din is-sentenza. L-attrici ghandha wkoll tithallas somma ulterjuri ta' Lm650 minghand il-konvenut kif premess. Fl-istess waqt il-konvenut izomm l-ammont ta' Lm3,350, li huwa kellu u zamm ghandu mid-data ta' meta ghalaq l-ewwel kont fil-21 ta' Lulju 1997.

Illi ovvjament dan qed jinghad apparti l-fatt li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici l-ammont ulterjuri ta' Lm4,550 bhala arretrati ta' manteniment li huwa naqas li jhallas *pendente lite* mid-data tad-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili sad-data ta' din is-sentenza.

Illi il-hames talba ghandha tigi michuda *stante* li l-attrici ma gabet ebda prova dwar l-beni parafernali taghha.

Illi s-sitt talba ghandha wkoll tigi milqugha, *stante* li l-attrici kienet kostretta tohrog mid-dar minhabba l-vizzju tal-alkohol tal-konvenut u l-attitudini tieghu vjolenti fil-konfront taghha, fejn kienet kostretta ssib rifugju l-ewwel fid-dar Merhba Bik u mbaghad fil-fond mikri lill-bintha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u fiwaqt li **tichad il-hames (5) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Zerafa minhabba sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attrici, u li kawza tal-istess atti mputabbli lill-konvenut l-istess zwieg tkisser irrevokabbilment;

2. Tiddikjara li l-attrici ghandha dritt li tithallas il-mantiment minghand zewgha, il-konvenut, izda ma tistax tasal sabiex tillikwida u tordna l-hlas tal-istess, *stante* li ma ngabet l-ebda prova dwar l-introjtu attwali tal-konvenut, b'dan pero' li jibqa' riservat d-dritt favur l-attrici li tipprocedu kontra l-konvenut fil-kaz li tali ntrojtu tal-konvenut ikun jista' jigi u fil-fatt jigi ndikat. Tordna lill-konvenut pero' jhallas lill-attrici l-ammont ta' erba' t'elef, hames mija u hamsin lira Maltija (Lm4,550) rapprezentanti arretrati ta' manteniment degretat *pendente lite* b'effett mid-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Awissu 1997 sad-data ta' din is-sentenza.

3. Tapplika kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili** (1984 ed.) *in toto.*

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u din konsistenti fi *fridge*, *cooker*, u *television* flimkien mad-depozitu bankarju Numru 544227823 fl-ammont ta' Lm2,700, li jinsab miftuh mal-HSBC Bank Malta plc fil-fergha ta' Hal Qormi, b'dan li tordna li l-istess kont jinqaleb minn fuq isem il-konvenut ghal dak tal-attrici, apparti li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ulterjuri ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650) u dawn jigu ghalhekk assenjati lill-attrici, u min-naha l-ohra l-istess konvenut, ghandu jigi assenjat l-ammont ta' Lm3,350 li fil-fatt kienu u zamm ghandu, u dan bla pregudizzju ghall-hlas tal-arretrati ta' manteniment dovuti minnu lill-attrici kif fuq gja' deciz. Tordna li kopja formali ta' din is-sentenza tigi notifkata a spejjez attrici lill-HSBC Bank Malta plc sabiex il-kont fuq imsemmi jigi mdawwar minn fuq isem il-konvenut ghal fuq isem l-attrici b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

5. Tichad din it-talba sabiex tikkundanna lill-konvenut li jikkonsenja lill-attrici l-beni parafernali u dotali taghha, u dam *stante* li ma hemm l-ebda prova dwar dawn.

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali 16, Dun Guzepp Vella Street, Qormi, ad eskluzjoni tal-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri nkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili – kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------